MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2009

Appell Civili Numru. 5/2009

**Avv. Michele Martone u ibnu Massimiliano Martone**

**vs**

**Gatt, Galea & Co bhala kontrollur tas-socjeta` Malta and Europe Hotels Limited**

**Il-Qorti,**

Fil-15 ta' Jannar, 2009, il-Bord ta' l-Appelli kostitwit bl-Att dwar Kumpaniji Kontrollati (Procedura ta' Stralc) iddegreta s-segwenti provvediment fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Bord:
>
> Ra r-rikors ta' Cecil Pace u s-socjeta` World Travel and Tourism Limited tal-14 ta Ottubru 2008.
>
> Ra r-risposta tal-kontrollur Gatt, Galea and Co.

Ra r-risposta tal-avukat Michele Martone.

Ra l-atti ‘l ohra konnessi mar-rikos.

Ikkunsidra kif gej:

Rikors simili gie prezentat mill-istess rikorrenti, u dan kien gie michud mill-Bord tal-Appelli fit-23 ta Ottubru 2007 ghar-ragunijiet fih infraskritti.

Issa r-rikorrenti qed jergghu jaghmlu l-istess rikors bid-differenza li qed ilahhmu aktar ir-ragunijiet ghalfejn ghandhom interess li jithallew jintervjenu fil-proceduri prezenti.

Essenzjalment ir-rikorrenti qed jghidu illi huma personalment u in rappresentanza ta’ GUS Export International Limited ghandhom pretensjoni kontra Malta and Europe Hotels Limited (l-attiv kontrollat fil-proceduri prezenti) liema pretensjoni hi l-mertu ta’ kawza fl-ismijiet Cecil and Henry Pace vs Emanuel A. Bonello nomine, Citaz 249/86 JRM, li ghadha sub iudice.

Il-kontrollur halla riserva ta’ €1,164,686.70 (Lm500,000) biex jikkawtela ghall-ezitu ta’ tali pretensjoni. L-avukat Martone fl-appell quddiem dan il-Bord qed joggezzjona ghal tali riserva ghax skond hu ma hu dovut xejn lir-rikorrenti u in ogni kaz hu eccessiv.

Ir-rikorrenti qed isostnu illi l-intervent taghhom hu necessarju biex jikkawtelaw l-eventwali pozizzjoni taghhom in kwantu tali riserva, f’kaz ta’ ezitu favorevoli fil-kawza li huma qed jippromuovu.

Kif gia gie relevat fl-ewwel digriet fuq din l-istess kwistjoni l-Bord hu konxju tal-kawza fuq imsemmija u tal-atti kollha taghha li ifformaw parti mill-atti tar-rikors ta’ appell quddiem dan il-Bord.

Hu car u indubitat illi dak kollu li kellhom jew ghandhom jissottomettu r-rikorrenti fuq din il-kwistjoni gia qed jaghmluh b'mod mill-aktar komplet fil-kawza ad hoc li ghandhom fuq il-kwistjoni. Ghalhekk il-Bord ghalkemm hu tenut jikkonsidra l-lanjanza tal-appellant Martone fuq il-kwistjoni ma jistax ma jaghtix l-istess importanza lill-mertu u kull att fil-kawza li r-rikorrenti ghandhom kontra l-Malta and Europe Hotels.

B'dan rilevat zgur li r-rikorrenti ma jistghu iziedu xejn aktar minn dak li huma gia qed igibu a konjizzjoni tal-Qorti fil-kawza ad hoc li huma ghamlu kontro l-Malta and Europe Hotels Limited u li dan il-Bord hu ben konsapevoli taghha u qed isegwi mill-vicin stante li l-ezitu taghha ser jinfluixxi fuq id-decizjoni tal-Bord u l-assi tal-istess Malta and Europe Hotels Limited u konsegwenti skema ta' distribuzzjoni.

In kwantu ghall-interess tar-rikorrenti f'dak li ghandu x'jaqsam mal-BICAL u kumpaniji assocjati, il-kontrollur ma rriserva ebda somma ta' flus. Dan hu indikat fir-rapport tal-istess kontrollur. Jekk ir-rikorrenti hassuhom aggravati b'dan kellhom kif gie spjegat fid-digriet precedenti tas-27 ta Ottubru 2007 jaghmlu appell skond il-ligi u mhux jistriehu fuq l-istitut tal-intervenut biex jissannaw dak li naqsu jaghmlu qabel.

Ghalkemm kif gie rilevat, il-kontrollur mhux qed jirraprezenta l-interessi, id-drittijiet u pretensjonijiet tal-esponenti, pero xorta wahda, la darba hass illi l-pretensjoni tar-rikorrenti kontra Malta and Europe Hotels ghandha tigi kawtelata bis-somma ta' €1,164,686.70 (Lm500,000), hu l-obbligu tieghu li jiddefendi, kif qed jaghmel, tali pretensjoni u kwindi indirettament jikkawtela l-interess tar-rikorrenti.

In kwantu ghall-obbligu li l-kontrollur jigbor l-interessi komposti dovuti lill-esponenti bhala

assenjatarji tal-kreditu ta' "GUS Export International Limited", il-Bord jirrileva illi l-kwistjoni hi sub iudice kif gia gie rilevat u in kwantu ghall-ishma li gew registrati f'isem Martone, il-Bord jirrileva illi l-Qorti tal-Appell kkonfermat tali trasferiment fis-sentenza taghha tat-22 ta april 2004 fl-ismijiet Herbert Baldacchino noe –vs- Cecil Pace et (Citaz 1707/93) u recentement fi-sentenza tal-Prim Awla fil-kawza fl-ismijiet Cecil Pace –vs- Michele Martone et deciza fil-15 ta Ottubru 2008 (Citaz. 1202/2007).

Il-Bord difficli jifhem kif fic-cirkostanzi, ir-rikorrenti jistghu jigu mcahhda smiegh xieraq jekk ma jiddahhlux fil-proceduri prezenti. Il-pretensjoni taghhom bhala assenjatarji ta' GUS Export International Limited, qua kredituri ta' Malta & Europe Hotels Limited, qed jigu ben promossi u ezawrentement pubblikati permezz tal-kawza quddiem il-Qorti (Citaz. 249/86) u l-Bord hu konxju taghha u qed jiehu tali kawza bid-debita serjeta.

Ghalhekk il-Bord ma jarax li hemm il-kondizzjonijiet tali li jiggustifkaw l-introduzzjoni tar-rikorrenti bhala intervenuti fil-kawza f'dawn il-proceduri u qed jichad it-talba taghhom."

Cecil Pace u s-socjeta` World Travel and Tourism Limited appellaw lil din il-Qorti mill-provvediment moghti mill-Bord ta' l-Appelli kostitwit taht l-Att dwar Kumpaniji Kontrollati (Procedura ta' Stralc) (Kapitolu 383) fejn dan cahdilhom it-talba taghhom biex jintervjenu fil-procediment quddiemu. Koncizament, huma jissottomettu b'obbjezzjoni illi ghandhom dak l-interess li jintervjenu fil-gudizzju ghaliex bil-mod kif qed jintalab li r-rapport tal-Kontrollur jigi rivedut jekk it-talba tigi milqugha, dan ser jincidi direttament fuq l-ammonti dovuti lilhom mill-Malta and Europe Hotels Limited, kemm personalment, kif ukoll permezz tas-socjetajiet taghhom il-Bank of Industry Commerce and Agriculture Limited u l-kumpaniji l-ohra assocjati. Huma, konsegwentement, jilmentaw illi jekk ma jinghatawx l-

opportunita` li jressqu l-assunti taghhom fir-rigward ser ibatu pregudizzju;

L-atti juru li l-appellanti odjerni kienu diga` ressqu talba konsimili quddiem l-istess Bord permezz ta’ rikorsipprezentat fis-26 ta’ Gunju, 2007 ghall-istess skop tat-talba minnhom intavolata fl-14 ta’ Ottubru, 2008, finalment deciza mill-Bord bid-digriet tieghu tal-15 ta’ Jannar, 2009. Fil-provvediment tieghu tat-23 ta’ Ottubru, 2007 fuq l-ewwel talba proposta, il-Bord, b’mod generali, iddetermina illi “ma ghandux jithalla lok ghal min ma jkunx ottempera ruhu mal-ligi biex jipprova javvalla ruhu minn istitut li l-iskop tieghu hu biex jissalvagwardja interessi sostanzjali tal-persuni li ma setghux ikunu parti fil-proceduri *ab initio* u mhux sempliment ma hadux l-opportunita` li kellhom li jkunu parti fiz-zmien opportun”.  B’dan, il-Bord ried ifisser illi r-rikorrenti kienu qeghdin sostanzjalment jipprovaw jirrimedjaw ghall-inazzjoni taghhom stess meta kienu naqsu milli jintentaw talba impunjattiva quddiemu, u fiz-zmien statutorju utli, fil-konfront tar-rapport tal-Kontrollur;

Mhux dan biss pero`, ghax ukoll fl-istess provvediment moghti l-Bord kien irrileva, b’referenza specifika ghall-istess ilmenti partikulari devoluti bl-appell prezenti, illi (i) ma ngiebet ebda raguni valida ghall-manifestazzjoni ta’ l-interess rikjest mil-ligi u (ii) li f’kull kaz, il-pretensjonijiet tar-rikorrenti kienu diga` mharsa sew bir-rimedji alternattivi konsegwiti permezz tal-varji proceduri minnhom proposti quddiem il-Qrati ordinarji; in partikulari, dik per Citazz. Nru. 249/86/JRM li dwarha l-Bord kien qed isegwi mill-vicin l-andament taghha.  Ghat-tieni darba, permezz tad-digriet tal-15 ta’ Jannar, 2009 il-Bord rega’ ma rrikonoxiex in-necessita ta’ l-intervenjent fil-proceduri mill-appellanti tant ghaliex ma sabx li kienu jezistu cirkostanzi sopravenjenti li kapaci jbiddlu jew jimmodifikaw il-provvediment anterjuri tieghu tat-23 ta’ Ottubru, 2007, tant ghaliex, b’ripetizzjoni, il-pretensjonijiet taghhom kienu diga` adegwatament tutelati bil-proceduri taghhom quddiem il-Qrati u bit-tharis tad-difizi eskogitati mill-Kontrollur fil-procedimenti quddiemu;

Premess dan, jigi osservat in linea ta' principju generali illi ghall-ammissibilita` ta' l-intervenut ta' terz fil-gudizzju pendenti bejn partijiet ohra hu sufficjenti li t-talba tieghu tipprezenta konnessjoni jew kollegament ma' dik tal-partijiet l-ohra fuq l-istess oggett sostanzjali tal-kawza li jiggustifika dak li mill-prattici huwa denotat bhala "*simultaneus processus*". Ara s-sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta fuq appell lilha mill-Bord dwar il-Kontroll ta' Kiri ta' Raba' fl-ismijiet "**Markiz Joseph Philip Testaferrata Bonici *et* -vs- Evelyn Micallef *et***", 10 ta' Jannar, 2007. B'mod partikolari, imbaghad, il-fakolta lilu koncess li jgib 'il quddiem fil-konfront ta' kull wiehed mill-partijiet jew ta' xi hadd fosthom dritt proprju relattiv ghall-oggett tal-kontestazzjoni jew dipendenti mit-titolu dedott fil-gudizzju. Dan hu sew spjegat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Carmelo Degabriele -vs- Antonio Barbarusso *et***", Appell Civili, 20 ta' Gunju, 1938 li, b'abbracc ta' l-enuncjazzjoni in re: "**Stepton -vs- Spiteri**", Appell Civili, 23 ta' Novembru, 1898, iddikjarat illi t-terz interessat "jikkomprendi anke lil dak li waqt li jsostni r-ragunijiet sew ta' l-attur sew tal-konvenut, u xi drabi wkoll id-drittijiet tieghu fil-konfront tant tal-wiehed kemm ta' l-iehor, jipprovoka decizjoni fil-limiti ta' l-azzjoni intentata, li tistabilixxi certi fatti u certi drittijiet, tant favur kemm kontra tieghu stess, minghajr ma jigi lliberat jew ikkundannat";

Ovvjament, skond it-termini esplikati ta' l-Artikolu 960 tal-Kapitolu 12, presuppost imprexxindibbli ghall-ammissibilita` tat-terz *qua* intervenjenti hu dak ta' l-interess, u li, ghal-legittimazzjoni ta' l-intervenut, l-interess irid ikun dejjem wiehed guridiku, u mhux merament *di fatto*. Fi kliem iehor, it-terz jehtieglu juri ghas-sodisfazzjon tal-Qorti jew tal-Bord, kif inhu l-kaz hawnhekk, illi kienu jezistu cirkostanzi li d-dritt minnu vantat kien wiehed relattiv ghall-oggett tal-procediment in korso. Jigifieri, cirkostanzi individwati b'riferiment ghall-*petitum* u ghal *causa petendi,* u mhux is-semplici interess fl-ezitu tal-proceduri bil-hsieb li dak l-ezitu jista' talvolta jkollu implikazzjonijiet, pozittivi jew negattivi, fi procedimenti

ohra futuri. Ara "**Fogg Insurance Agencies Ltd -vs- Simon Tabone**", Appell Inferjuri, 28 ta' April, 2004. Fil-kaz taht ezami l-Bord, kif manifest mill-konsiderandi riprodotti hawn fuq, stabilixxa l-infondatezza tal-pretensjoni ta' l-appellanti in kwantu deherlu li din l-istess pretensjoni ma kienetx tadegwa ruhha ghac-cirkostanzi kif mill-process kienu jemergu u, fuq kollox, lanqas ma kienet gusitifkata;

Il-Qorti mhix f'qaghda li tghid jekk il-Bord ivvaljax jew interpretax tajjeb dik il-pretensjoni ta' l-appellanti fuq il-bazi tad-deduzzjonijiet li sarulu mir-rikorrenti, anke jekk jidhrilha opportun li taggungi illi, apparentement, ir-ragunijiet minnu moghtija ma jidhrux li jiddifettu minn vizzji logici ghal dak li hu apprezzament motivat, ta' fatt u ta' dritt, fir-raggungiment tal-konvinzjoni tieghu. Tillimita ruhha biex tirrimarka, b'ripetizzjoni, illi kif drabi ohra deciz mill-Qorti ta' l-Appell kolleggjali, il-kliem ta' l-Artikolu 960 tal-Kodici ritwali "jakkorda diskrezzjoni li l-Qorti tezercita meta jidhrilha li l-interess ta' min jaghmel it-talba ghall-intervent jidher sodisfacentement fil-fehma taghha u din il-Qorti ma tiddisturbax l-ezercizzju ta' dik id-diskrezzjoni hlief jekk ikun jidher li sar kontra l-ligi jew kontra l-principju" ("**Michelina mart Alessandro Mallia *et* -vs- Gorg Cutajar *et***", Appell Civili, 18 ta' Novembru, 1963). Fil-kaz in ispecje, id-diskrezzjoni tal-Bord applikata fil-parametri tal-ligi, ma kienetx ghall-akkoljiment tat-talba ghal raguni illi, fic-cirkostanzi ezaminati u apprezzati, l-appellanti ma kellhomx dak l-interess proprju, asserit minnhom, u dan, f'kull kaz, kien diga mhares fil-proceduri ordinarji minnhom prosegwiti. Fiz-zgur, din il-Qorti lanqas tista' kieku stess, proceduralment takkolji d-domanda ghat-thassir tal-provvediment moghti mill-Bord fit-23 ta' Ottubru, 2007 in kwantu t-terminu ghall-appell minnu kien gja abbondantement skada.

Ghal dawn il-motivi u dawk l-ohra kollha tal-Bord ta' l-Appelli, din il-Qorti qed tirrespingi l-appell u tikkonferma l-provvediment moghti mill-Bord fil-15 ta' Jannar, 2009, bl-ispejjez a karigu ta' l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------